

Brussell, 21 ta' Frar 2018  
(OR. en)

6300/18

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0190 (CNS)**

---

---

**JUSTCIV 36**

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni) - Dibattitu ta' orjentazzjoni

---

**I. Introduzzjoni**

1. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Brussell IIA) eżamina r-Regolament Riformulat Brussell IIA propost regolament minn mindu rċieva l-proposta tal-Kummissjoni fl-2016. Il-Kunsill kellu dibattiti ta' orjentazzjoni dwar is-smiġħ tal-minuri f'Ġunju 2017 u dwar l-abolizzjoni tal-*exequatur* f'Diċembru 2017.
2. Ir-Regolament Riformulat Brussell IIA propost huwa soġġett għall-proċedura leġislattiva speċjali tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> F'konformità mal-Artikoli 3 u 4a (1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni tar-Regolament Riformulat Brussell IIA propost.  
F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix ser tiegħu sehem fl-adozzjoni tar-Regolament Riformulat Brussell IIA propost u mhix ser tkun marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

3. L-opinjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta tal-Kummissjoni ngħatat fit-18 ta' Jannar 2018.
4. L-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ingħatat fis-26 ta' Jannar 2017.
5. Il-Presidenza hija tal-fehma li hi meħtieġa diskussjoni fil-livell ministerjali dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-Awtoritajiet Ċentrali li jaqdu rwol importanti fir-Regolament u li probabbilment ser jaraw żieda f'xogħolhom minħabba l-għadd li qed jiżdied ta' familji internazzjonali.
6. B'kont meħud tar-riżultati tal-Kunsill (ĠAI) f'Diċembru 2017, ser tkompli l-ħidma fuq pakkett estensiv flimkien ma' partijiet oħra rilevanti tar-Regolament Riformulat Brussell IIa propost abbażi tar-*rekwiżit ta' unanimità* u l-prinċipju li *ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim qabel ma jintlaħaq ftehim fuq kollox*.

## **II. Allokazzjoni tar-riżorsi għall-Awtoritajiet Ċentrali**

7. Ir-Regolament Brussell IIa jipprevedi l-kooperazzjoni fost l-Awtoritajiet Ċentrali li għandhom rwol kruċjali f'każijiet transkonfinali fejn jidħlu kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Il-Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa tispeċifika li l-Awtoritajiet Ċentrali "għandhom jingħataw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw id-doveri tagħhom".<sup>2</sup>
8. Hekk kif qed jiżdiedu l-mobbiltà transkonfinali u l-għadd ta' koppji internazzjonali, mistennija jiżdiedu t-talbiet għall-kooperazzjoni transkonfinali fi kwistjonijiet marbuta mat-tfal. Għaldaqstant, x'aktarx jiżdied l-ammont ta' xogħol tal-Awtoritajiet Ċentrali. Peress li f'każijiet marbuta mat-tfal iż-żmien huwa fattur essenzjali, ir-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali huwa ta' importanza kruċjali u għandu jissaħħaħ biex b'hekk anke dan jikkontribwixxi għall-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri.

---

<sup>2</sup> Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIa,, p. 85.

9. Il-Kummissjoni pproponiet li tinkludi artikolu fir-Regolament Riformulat Brussell IIa dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-Awtoritajiet Ċentrali.<sup>3</sup> Obbligu espliċitu stabbilit fir-Regolament jenfasizza l-importanza politika ta' Awtoritajiet Ċentrali mgħammra kif xieraq sabiex jiġi żgurat li r-Regolament jiġi implimentat b'mod effettiv. Filwaqt li wieħed ma jistax iqabbel din is-sitwazzjoni mar-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali, il-Presidenza tixtieq tirmarkha li l-leġislaturi Ewropej diġà daħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet fil-liġi tal-UE dwar l-allokazzjoni ta' riżorsi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.<sup>4</sup>
10. Il-Presidenza hija tal-fehma li huwa essenzjali li l-Awtoritajiet Ċentrali jkollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani biex iwettqu b'mod effettiv il-kompiti u l-funzjonijiet fdati lilhom mir-Regolament Riformulat Brussell IIa. Għaldaqstant, skambju ta' fehmiet dwar din il-kwistjoni ta' interess jissottolinja l-importanza li tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tar-Regolament fl-aħjar interess tat-tfal.
11. ***Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, il-Kunsill mistieden jiddiskuti kif jistgħu jkunu żgurati riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti biex l-Awtoritajiet Ċentrali jwettqu r-rwol tagħhom skont ir-Regolament Riformulat Brussell IIa, u b'mod partikolari dawn iż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:***
- ***Għandha tiddaħħal dispożizzjoni leġislattiva kif proposta mill-Kummissjoni biex l-Awtoritajiet Ċentrali jkunu jistgħu jwettqu aħjar il-kompiti tagħhom?***
  - ***Jeżistu xi mezzi oħra biex jiġi żgurat li l-Awtoritajiet Ċentrali jibqgħu jkunu jistgħu jiffaċċjaw iż-żieda mistennija f'xogħolhom?***

---

<sup>3</sup> L-Artikolu 61 tal-proposta tal-Kummissjoni (Ara l-Anness).

<sup>4</sup> Bħal fil-każ tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-Direttiva għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni u d-Deċiżjoni dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (ara l-Anness).

**L-Artikolu 61 tal-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament Brussell IIa (Riformulazzjoni):<sup>5</sup>**

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani biex ikunu jistgħu jwettqu l-obbligi assenjati lilhom skont dan ir-Regolament".

**L-Artikolu 52 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data:<sup>6</sup>**

"4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li kull awtorità superviżorja tiġi pprovduta bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji, il-bini u l-infrastruttura meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-kompiti tagħha u l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha, inklużi dawk li għandhom jitwettqu fil-kuntest ta' assistenza, kooperazzjoni u parteċipazzjoni reċiproki fil-Bord."

**L-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni:<sup>7</sup>**

"5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-punti uniċi ta' kuntatt ikollhom riżorsi adegwati sabiex iwettqu, b'mod effettiv u effiċjenti, il-kompiti assenjati lilhom u b'hekk jilhqqu l-oġġettivi ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni effettiva, effiċjenti u sigura tar-rappreżentanti maħtura fil-Grupp ta' Kooperazzjoni."

**L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni dwar in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew:<sup>8</sup>**

"2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt ikollhom faċilitajiet suffiċjenti u adatti fir-rigward ta' persunal, riżorsi u mezzi moderni ta' komunikazzjoni sabiex iwettqu b'mod adegwat il-kompiti tagħhom ta' punti ta' kuntatt."

---

<sup>5</sup> Proposta tal-Kummissjoni dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonossiment u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni) (COM (2016) 411 final).

<sup>6</sup> Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)

<sup>7</sup> Direttiva (UE) 2016/1148 tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni

<sup>8</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009.